MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 15/2009

Catherine mart it-Tabib Humbert Grech
Bħala mandatarja tal-imsiefer binha
Paul Vincent, Joseph William Grech .

vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi nomine, wara li ppremettiet illi:

1. Illi binha, Paul Vincent, Joseph, William Grech twieled f'Victoria, Għawdex, Malta, fl-ewwel (1) ta' April elf disa' mija tmienja u sittin (01/04/1968) u t-twelid tiegħu ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku Victoria bin-numru progressiv mija u tmienja u għoxrin tal-istess sena (128/1968);

2. Illi għalkemm f'dan l-att, hemm indikat illi l-'*Isem jew Ismijiet li bih/bihyom it-tarbija għandha tiġi msejħa'* huwa 'Paul', Iben l-esponenti, l-attur, minn dejjem kien magħruf bħala 'Paul Vincent', u huwa dan l-isem illi l-attur personalment u l-familja u konoxxenzi tiegħu minn dejjem użaw b'riferenza għalih f'kull dokument uffiċjali' mentri l-isem li fih huwa kien konsistement imsejjaħ kien 'Paul Vincent';

3. Illi għaldaqstant l-esponenti tixtieq illi l-ismijiet 'Paul Vincent' jiġi reġistrat bħal l-isem li bih minn dejjem kien magħruf binha rappreżentat minnha.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din il-Qorti:

1. Illi huwa l-isem '**Paul Vincent**' li huwa l-isem li minn dejjem intuża bħala l-isem tal-istess attur minnu u mill-familjari tiegħu, u l-isem li fih l-attur kien konsistement magħruf minflok l-isem 'Paul' illi jidher fuq l-att tat-twelid tiegħu;

2. konsegwentement tordna l-bdil ossia korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 128/1968, ċioe' l-att tat-twelid ta' Paul Vincent, William, Joseph Grech billi fit-"*Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tigi msejħa"* l-isem 'Paul' jiġi sostitwit bl-isem '**Paul Vincent'**;

Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti ma' l-istess rikors, u ċioe' dokument 'A', li huwa kopja ta' l-att tat-twelid numru 128/1968, riferibbli ghal Paul Vincent, Joseph William Grech.

Rat ir-rikors ta' l-istess attriċi tat-tlettax (13) ta' Frar elfejn u disgħa (2009), illi permezz tiegħu talbet li tipproċedi b'din il-kawża permezz ta' l-għajnuna legali.

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Frar, 2009, illi permezz tiegħu laqgħet l-istess talba.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex li permezz tagħh eċċepixxa illi:

1. Illi l-esponenti ma joġġezzjonax illi fil-kolonna Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tuġi msejħa, isem bin l-attriċi jinbidel minn Paul għal Paul Vincent.

*2.* Illi stante illi l-bdil ta' isem ma sarx wara xi żball tad-Direttur Reġistru Pubbliku, iżda sar neċessarjament minħabba żball tal-atturi, l-konvenut ma għandux ibati spejjeż.

*3.* Bl-ispejjeż kontra l-attriċi;

*4.* Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Il-Qorti, billi jidhrilha illi t-talba attrici hija ġustifikata, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talba attriċi, u

1. tordna l-korrezzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid ta' Paul Vincent Joseph William Grech, billi tiddikjara li l-isem li bih għandu jkun magħruf l-istess Paul Vincent Joseph William Grech, għandu jkun Paul Vincent.
*2.* konsegwentement tordna l-bdil ossia korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 128/1968, billi fil-kolonna intestata '*isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa'* l-isem "Paul" għandu jiġi sostitwit bl-isem Paul Vincent.

Minħabba n-natura tal-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------